**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. (Matr.) Can.**

**Rikors Nru.: 82/16**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**Vs**

**A & I Limited (C55211) bhala l-kumpanija debitrici principali Assaggi Food & Wine; u**

**Ivan Lanzon Miller bhala garanti in solidum mal-kumpanija debitrici principali in virtu' ta' kuntratt maghmul minnu mal-kumpanija attrici fil-5 ta' Mejju, 2012 u mmarkat Dok. 'A'.**

**Illum 8 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici nhar il-25 ta' April, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta' tlettax-il elf, sebgha mija u tlieta w disghin Ewro u tlett centezmi (€13,793.03) rapprezentanti ammont dovut mill-kumpanija debitrici principali fuq il-kontijiet taghha mal-kumpanija attrici u specifikament kif ser jinghad hawn taht:

1. Fuq Loan Account Nru.: 269964.71.001 u li jikkoncerna self koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 10 ta' Mejju 2012 (ara Dok. 'B'), hemm dovut l-ammont ta' hames mija u disgha Ewro w sitta w hamsin centezmu (€509.56) u sal-15 ta' April 2016, tali ammont kien jinkludi disgha w erbghin Ewro w sbatax-il centezmu (€49.17) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'C'); u fuq Loan Account Nru.: 269964.71.002 u li jikkoncerna self koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 2 ta' April 2014 (ara Dok. 'D'), hemm dovut l-ammont ta' disat elef, tmien mija u hamsa w tletin Ewro u tnejn

u erbghin centezmu (€9835.42) u sal-15 ta' April 2016, tali ammont kien jinkludi sebgha u tmenin Ewro u tletin centezmu (€87.30) (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. 'E'); u

2. Fuq il-Credit Card Nru.: 4196.7970.0001.1889 li l-kumpanija debitrci principali ghandha mal-kumpanija attrici (ara Dok. 'B' citat aktar 'il fuq), hemm dovut l-ammont ta' elfejn, sebgha u disghin Ewro u disgha centezmi (€2097.09) u sal-15 ta' April, 2016 tali ammont kien jinkludi erba' Ewro u sebgha w tletin centezmu (€4.37) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. 'F'); u

3. Fuq il-Current Account Nru. 269964.10.001 li l-kumpanija debitrci principali ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni markata Dok. 'G'), hemm dovut l-ammont ta' sebgha mija u tlieta w sittin Ewro (€763) u sal-15 ta' April, 2016, tali ammont kien jinkludi zewg Ewro u sitta w tmenin centezmu (€2.86) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. 'H'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Account u l-Credit Card fuq imsemmija; u

4. Fuq il-Current Account Nru. 269964.10.002 li l-kumpanija debitrici principali ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni markata bhala Dok. 'I'), hemm dovut l-ammont ta' hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€587.96) u sal-15 ta' April 2016 tali ammont kien jinkludi zewg Ewro u hamsa w ghoxrin centezmu (€2.25) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. 'J'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Accounts u l-Credit Card fuq imsemmija;

L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija attrici:

1 Ai termini f'Artikolu 12 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account Nru. 269964.71.001 immarkat bhala Dok. 'B' u msemmi aktar 'il fuq u ai termini t'Artikolu 12 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account Nru. 269964.71.002 immarkat Dok. 'D' u msemmi aktar 'il fuq u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-

events of default inkluzi f'dawn id-dokumenti, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u

2 ai termini t'Artikolu 11 tal-Conditions of Use marbutin mal-Credit Card (ara Dok. 'K') u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f'dan id-dokument, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a) The insolvency or bankruptcy of the Cardholder;

e) The Cardholder having or threatening to suspend or cease to carry out his business;

f) Breach by the Cardholder or any Additional Cardholder of these Conditions of Use". , u

3 ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account (ara Dok. 'L') u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta wkoll mal-Current Account (ara Dok. 'M');

Illi l-kumpanija attrici nterpellathom diversi drabi biex ihallsuna l-ammont minnhom dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Lulju 2015 (ara Dok. 'N') u ittra ufficjali numru 186/2015, mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u datata 17 ta' Settembru 2015 li pero' giet kontestata (ara Dok. 'O'), izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b'dan il-fatti personalment;

Bl-imghaxijiet mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mal-kumpanija debitrici principali meta din fethet il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account Nru. 269964.71.001 (ara Artikoli 4 u 12 f'Dok. 'B'); u bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account Nru. 269964.71.002 (ara Artikoli 4 u 12 f'Dok 'D'); u bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u mmarkata Dok. 'P'); u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Curren Accounts (ara mmarkar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u mmarkata bhala Dok. 'Q');

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 1471/2015, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll charges bankarji mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-hlas effettiv, skond Dok. 'B', Dok. 'D', Dok. 'K', Dok. 'L', Dok. 'M', Dok. 'P', u Dok. 'Q' gja citati;

Il-konvenuti huma minn issa ngunti in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju, 2016, deher il-konvenut Ivan Lanzon Miller. Huwa xehed fl-istess seduta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta A & I Limited u stqarr illi huwa kien il-garanti tas-socjeta' konvenuta mal-bank attur u fil-kapacita' tieghu ta' Direttur ta' din l-istess socjeta' irregistra ammissjoni ghat-talba attrici, kemm fl-isem tieghu personali kif ukoll f'isem l-istess socjeta' konven.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat in-nota fejn il-konvenut ammetta t-talbiet dedotti fil-konfront tieghu u tas-socjeta' konvenuta mill-Bank rikorrenti, u wara li semghet lill-avukat difensur tal-bank attur jghid li d-debitu ghadu dovut, tiddeciedi li t-talba tal-bank attur tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Ghalhekk, tikkundanna lil Ivan Lanzon Miller bhala garanti in solidum mal-kumpanija debitrici principali u lis-socjeta' A & I Limited (C55211) bhala l-kumpanija debitrici principali Assaggi Food & Wine, ihallsu lill-Banif Bank (Malta) plc. (C41030) l-ammont ta' tlettax-il elf, sebgha mija w tlieta w disghin Ewro w tliet centezmi (€13,793.03) ghar-ragunijiet moghtija fl-avviz.**

**Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 1471/2015, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll charges bankarji mill-15 ta' April 2016 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**